MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 693/2004

Samuel **AĠIUS**

vs

Chantelle **CUSCHIERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-16 ta' Settembru, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) taqta' l-kawża mingħajr smigħ u (b) tikkundanna lill-imħarrka tħallsu s-somma ta' tmint elef lira Maltin (Lm 8,000)[1] bħala l-bilanċ minn somma akbar li huwa kien silifha minn fuq l-idejn;
Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2004, li bih ħalliet lill-imħarrka tikkontesta l-kawża għar-raġunijiet imsemmijin waqt is-smigħ ta' dak inhar mill-avukat li qabbdet;

---

[1] € 18,635 fi flus tal-lum

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrka fit-12 ta’ Ottubru, 2004, li biha laqgħet għat-talba attriċi billi qalet li ma kellhiex tħallas l-ammont mitlub għaliex mhux minnu li hu kien silifha s-somma li semma. (Għalkemm tressqet qabel l-ewwel smigħ u qabel ma l-Qorti kienet awtorizzat lill-imħarrka tikkontesta l-kawża, dik in-Nota tħalliet isservi bħala n-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha b’degriet tas-17 ta’ Novembru, 2004[2]);

Rat in-Nota mressqa mill-attur waqt is-smigħ tal-4 ta’ Novembru, 2004[3], li biha naqqas it-talba tiegħu bl-ammont ta’ Lm 4,392.84[4] billi kien irċieva ħlas tul iż-żmien tad-differiment;

Semgħet ix-xhud imressqin mill-partijiet u lill-istess partijiet bil-ġurament;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-12 ta’ April, 2005[5], li biha kienu jaqblu li s-somma ta’ Lm 5,000 kienet in konsiderazzjoni tal-akkwist mill-imħarrka ta’ karozza reġistrata DBE-727;
Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta’ Novembru, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal radd lura ta’ flus mislufin minn fuq l-idejn. L-attur kien silef flus lill-imħarrka fiż-żmien kienet toħroġ miegħu. Wara li tħassret l-għerusija, l-attur fittixha biex troddlu lura dak li kien fadlilha tħallsu;

Illi, min-naħa tagħha, l-imħarrka laqgħet billi qalet li mhux minnu li l-attur kien silifa s-somma li jsemmi hu, imma somma wisq anqas, u li d-dikjarazzjoni li hija kienet għamlet bil-miktub f’Settembru tal-2003 saret biss biex

[2] Paġ. 21 tal-proċess
[3] Paġ. 18 tal-proċess
[4] € 10,232.56 fi flus tal-lum
[5] Paġ. 51 tal-proċess

tgħinu jikseb faċilita' ta' self minn bank għall-ħtiġijiet tal-familja tiegħu;

Illi mill-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża jidher li l-partijiet għamlu żmien qasir ta' xi ħames xhur joħorġu flimkien tul l-2003. Fit-23 ta' Mejju tal-2003 l-attur ingħata żewġ faċilitajiet ta' self minn bank kummerċjali: wieħed f'ammont ta' tlitt elef u ħames mitt lira Maltin (Lm 3,500), b'imgħax tas-7.75%.[6] li kellu jitħallas lura fi żmien ħames snin f'rati ta' Lm 71 l-waħda kull xahar; u ieħor fl-ammont ta' elf u ħames mitt lira Maltija (Lm 1,500) bir-rata ta' mgħax tal-5.75%[7], li wkoll kellu jitħallas lura fi żmien ħames snin f'rati ta' Lm 29 l-waħda kull xahar. Dawn il-faċilitajiet kienu maħsuba li tinqeda bihom l-imħarrka ħalli tkun tista' tixtri karozza ġdida bi tpartit in parti ma' karozza oħra li hija ġa kellha. Dawn il-faċilitajiet tħallsu lura sa Ottubru tal-2004[8]. Dak inhar, mill-istess fergħa tal-bank, inħareġ *bankers' draft* għas-somma ta' ħamest elef lira Maltin (Lm 5,000)[9] pagabbli lil Brian Tyre Service Limited. Dak inhar, l-imħarrka xtrat mingħand l-imsemmija kumpannija karozza tal-għamla *BMW,* reġistrata DBE-727, li, madankollu, tniżżlet fuq isem missierha[10];

Illi fid-19 ta' Awissu, 2003[11], ingħata faċilita' oħra ta' self (minn bank kummerċjali ieħor) fl-ammont ta' elf u sitt mitt lira Maltija (Lm 1,600) bir-rata ta' mgħax bis-6.25%, li riedet titħallas lura fi żmien ħames snin fi ħlasijiet ta' Lm 31 l-waħda kull xahar. L-attur inqeda minn din il-faċilita' minn dak inhar stess[12], billi ġibidhom fi flus kontanti mill-bank. Din il-faċilita' kienet maħsuba wkoll biex tintuża ħalli l-imħarrka tikseb karozza oħra tal-għamla *Toyota Tercell*. Saż-żmien li kienet qegħda tinġabar ix-xhieda f'din il-kawża, jirriżulta li kienu saru xi ħlasijiet[13] u li kien għad fadal pendenti bilanċ ta' madwar Lm 1,160[14] x'jitħallas lura lill-bank. L-attur jgħid[15] li l-flus li ġibed mill-bank

---

[6] Dok "SA2", f'paġġ. 27 – 9 tal-proċess
[7] Dok "SA3", f'paġġ. 30 – 2 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Audrey Ghigo 12.4.2005, f'paġ. 49 tal-proċess
[9] Dok "SA1", f'paġ. 26 tal-proċess
[10] Xhieda tal-imħarrka 13.10.2005, f'paġ. 70 tal-proċess
[11] Dok "SA4", f'paġġ. 33 – 4 tal-proċess
[12] Dok "PG1", f'paġ. 38 tal-proċess
[13] Dok "PG2", f'paġġ. 35 – 7 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Paul Gambina 12.4.2005, f'paġ. 46 tal-proċess
[15] Xhieda tiegħu 12.4.2005, f'paġ. 41 tal-proċess

għaddihom mill-ewwel lill-imħarrka u magħhom żied jgħaddilha elf lira Maltin (Lm 1,000) oħra biex tkun tista' tiġbor il-prezz mitlub għall-imsemmija karozza. Jgħid li dawk l-elf lira kienu ngħatawlu bħala kumpens minn *panel beater* wara li kien ħabat bil-karozza tiegħu minħabba l-ħsara kbira li ġarrbet, u dan kien f'dik il-ġimgħa stess li ngħatat il-faċilita' tal-Lm 1,600[16];

Illi f'Awissu tal-2003, il-partijiet ma baqgħux joħorġu aktar flimkien. B'kitba li ġġib id-data tas-26 ta' Settembru, 2003[17], l-imħarrka iddikjarat li kellha tagħti lill-attur is-somma ta' disat elef lira Maltin (Lm 9,000) u li kellha tħallashom lura bir-rata ta' mija u ħamsin lira Maltija (Lm 150) kull xahar. Id-dikjarazzjoni ġġib ukoll il-firma tagħha. F'Lulju tal-2004, l-attur bagħtilha ittra uffiċjali biex jitlobha tħallsu l-bilanċ. Il-kawża nfetħet fis-16 ta' Settembru, 2004;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ</u> jingħad minnufih li l-biċċa l-kbira tal-kwestjoni hija waħda ta' min mill-partijiet qiegħed jagħti verżjoni li għandha titwemmen. Marbuta ma' din hemm il-kwestjoni mqanqla mill-imħarrka dwar jekk dak li seħħ tassew huwiex differenti minn dak li joħroġ minn dikjarazzjonijiet miktuba;

Illi l-imħarrka tistqarr li kienet tassew isselfet xi flus mingħand l-attur. Dan jidher kemm mill-kliem innifsu tan-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha u wkoll mill-fatt li, matul iż-żmien li kienet qegħda tinstema' l-kawża, hija ħallset lill-attur somma konsiderevoli mill-ammont mitlub fiċ-Ċitazzjoni. Tul il-kawża, l-imħarrka baqgħet tisħaq li l-attur silifha biss ħamest elef lira (Lm 5,000) u mhux disat elef lira (Lm 9,000). Tistqarr ukoll[18] li hija ħallset lura lill-attur elf lira maltin (Lm 1,000) minnhom;

Illi **dwar l-aspett ta' kif il-Qorti tqis min għandu jitwemmen**, il-Qorti tifhem li li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju

---

16 Dok "SAA", f'paġ. 53 tal-proċess
17 Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
18 Paġ, 14 tal-proċess

raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[19]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[20]. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[21];

Illi l-imħarrka ressqet 'il quddiem l-argument li biċċa mis-self li l-attur talab mill-banek kien maħsub għall-ħtiġijiet ta' xi membru tal-familja tal-istess attur, u mhux tassew biex tkun tista' tixtri t-tieni karozza tagħha.[22] Din il-verżjoni jagħtiha wkoll missierha[23] Fil-fatt, jirriżulta li, għall-ħabta ta' Mejju tal-2003, missier l-attur instab li kellu marda serja u kien għadda l-ħsieb li uliedu jitolbu xi għajnuna minn bank biex ikunu jistgħu jsiefru lil missierhom għall-kura barra minn Malta. L-imħarrka tgħid li l-kitba tas-26 ta' Settembru, 2003, għamlitha għaliex l-attur kien qalilha li jekk kellu x'juri bil-miktub li ħaddieħor għandu jagħtih, il-bank kien ikun lest li jisilfu flus biex jieħu 'l missieru għall-kura barra minn Malta;

Illi l-Qorti ssib li ma tistax toqgħod fuq din il-verżjoni tal-imħarrka u ma taqbilx magħha li s-self li għamel l-attur minn żewġ banek kummerċjali f'Mejju u f'Awissu tal-2003

---

[19] Ara, per eżempju, P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[20] App. Ċiv. **19.6.2006 fil-**kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***
[21] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***
[22] Xhieda tagħha 13.10.2005, f'paġ. 68 tal-proċess
[23] Xhieda ta' Edwin Cuschieri 13.10.2005, f'paġġ. 63 – 4 tal-proċess

intuża għal ħaġ'oħra ħlief biex tkun tista' tinqeda hija stess biex tikseb il-karozzi li xtaqet u li l-attur aċċetta li jikkuntentaha dwarhom. Minbarra dan, mix-xhieda mressqa[24] jirriżulta li missier l-attur laħaq miet qabel ma seta' jitwettaq dan il-pjan u għalhekk la l-attur u lanqas ħaddieħor minn ħutu ma laħaq kiseb xi faċilita' bankarja għal dak il-għan. Iżda l-aktar element li jġib fix-xejn it-teżi tal-imħarrka huwa l-fatt li riċevuta li ġġib id-data tat-18 ta' Ottubru, 2004[25], u li saret meta l-imħarrka biegħet il-karozza BMW li kienet xtrat f'Mejju tal-2003, issemmi speċifikatament id-dikjarazzjoni ta' dejn iffirmata mill-imħarrka fis-26 ta' Settembru, 2003. Fil-fehma tal-Qorti b'dan il-mod, id-dikjarazzjoni miktuba tal-imħarrka tintrabat biss mas-self għax-xiri tal-karozza u mhux ma' xi raġuni marbuta mal-kura ta' missier l-attur;

Illi l-istess ħaġa tingħad dwar il-ħlasijiet akkont li l-imħarrka tgħid li għamlet. Hija tgħid li lill-attur laħqet ħallsitu xi erba' (4) rati ta' mija u ħamsin lira (Lm 150) kull waħda. Uħud tgħid li għamlithom hi direttament lill-attur, u l-oħrajn l-għarus li kellha wara li telqet lill-attur. Tgħid ukoll li hija ma kinitx titlob riċevuta. L-għarus attwali tal-imħarrka – wieħed George Fenech[26] – xehed saħansitra li mal-attur iltaqa' xi tmien (8) darbiet u ħallsu akkont kull darba. Huwa wkoll itenni li l-attur qatt ma ħalla riċevuta, u jżid jgħid saħansitra li l-ħlas kienu waqqfuh għal xi żmien minħabba li l-attur ma kienx ikun irid jagħti riċevuta. Matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża sar ħlas sostanzjali, u din id-darba saret il-kitba (riċevuta) fit-18 ta' Ottubru, 2004. L-imħarrka tinsisti li lill-attur ħallsitu l-kapital kollu ta' Lm 5,000 flimkien ma' Lm 600 f'imgħaxijiet li laħqu nġemgħu;

Illi l-Qorti ssibha ħaġa iebsa biex temmen il-verżjoni tal-imħarrka dwar l-għadd ta' ħlasijiet li wettqet qabel dak li sar matul is-smigħ tal-kawża, u dan għar-raġuni sempliċi li hija ma tat l-ebda spjega tajba għaliex (speċjalment ladarba ma kinitx baqgħet toħroġ iżjed mal-attur) ma wrietx riċevuti tal-ħlas allegat. Dan ukoll meta skond l-

---

[24] Ara x-xhieda ta' Maria Aġius 26.4.2005, f'paġġ. 57 – 8 tal-proċess
[25] Dok "CC", f'paġ. 60 tal-proċess
[26] Xhieda tiegħu 8.2.2006, f'paġġ. 76 sa 81 tal-proċess

imħarrka xi ħlasijiet kienu saru mill-għarus tagħha u mhux iżjed minnha direttament lill-attur. Min jallega li jkun ħallas xi dejn jew parti minnu jrid juri bi prova tajba li dan ikun seħħ tassew, u wieħed jistenna li l-aħjar prova f'dan ir-rigward tkun riċevuta maħruġa kif imiss. Jekk kien minnu li l-attur ma kienx iħalli riċevuta, l-imħarrka (u l-għarus il-ġdid tagħha li mbagħad kienet tibgħat minflokha għand l-attur) kellha dejjem modi oħra kif tagħmel il-ħlas u jkollha prova b'hekk. Ix-xhieda ta' George Fenech hija miżgħuda b'kontradizzjonijiet u bi tweġibiet li xejn ma jikkonvinċu lil dak li jkun;

Illi, madankollu, min-naħa l-oħra hemm ukoll ix-xhieda tal-attur li jistqarr[27] li l-imħarrka kienet ħallset elf lira Maltin (Lm 1,000) akkont flimkien ma' xi żewġ rati meta kienu għadhom joħorġu flimkien, u li kienet hi li għażlet li ma titlobx riċevuta mingħandu. Ladarba dan il-fatt joħroġ minn ħdan il-kreditur innifsu, l-Qorti lesta tikkreditah lill-imħarrka debitriċi;

Illi, mill-bqija, l-Qorti ssib li l-verżjoni tal-attur u x-xhud imressqin minnu (flimkien mal-provi dokumentali li joħorġu minn terzi persuni għal kollox maqtugħa minn kull interess jew mottiv ta' kwestjoni bejn il-partijiet) hija waħda li tista' toqgħod fuqha iżjed minn dik imressqa 'l quddiem mill-imħarrka. Għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma wkoll li l-imħarrka hija debitriċi tal-attur u m'huwiex minnu li ħallset dejnha kollu miegħu;

Illi **dwar il-pożizzjoni legali tal-imħarrka kontra d-dikjarazzjoni miktuba tagħha**, hawnhekk tiġi fuq quddiem ir-regola ewlenija fil-qasam proċedurali li trid li ma tistax tinġieb prova kontra dak li huwa miktub. Ir-regola *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur* tfisser li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, jekk mhux għal raġunijiet serji[28]. Kemm hu hekk, dwar tali regola huwa stabilit li (a)

[27] Xhieda tiegħu 12.4.2005, f'paġ. 43 tal-proċess

[28] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech Sant noe vs Farruġia noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.394**); P.A. **11.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Privitera noe vs Galea noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.775**); App. Ċiv. **30.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit et*** (Kollez. Vol: **LI.i.61**) u App. Kumm. **28.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Lungaro Mifsud noe vs Polidano*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.267**)

meta ftehim ikun inkorporat f'kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (b) li l-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi tal-kitba; (ċ) li l-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba[29]; u (d) li r-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali[30]. Fl-aħħarnett, dwar dan il-punt, huwa stabilit ukoll li fejn in-negozju ġuridiku – f'dan il-każ, id-dikjarazzjoni ta' dejn aċċettat – ikun jirriżulta minn ftehim miktub, il-prova kuntrarja għandha toħroġ mill-istess kuntratt jew kitba, u l-Qorti m'għandhiex tirrikorri għal provi barranija mill-att li minnu jitnissel tali negozju ġuridiku[31];

Illi r-raġunijiet serji maħsuba bħala eċċezzjonijiet għar-regola huma meta (i) il-ftehim ikun vizzjat minn qerq jew xi raġuni oħra li tolqot is-siwi formali jew essenzjali tal-ftehim, (ii) il-ftehim ikun simulat, (iii) l-kitba ma turix fehmiet ċari ta' dak li suppost hemm qbil dwaru bejn il-partijiet, (iv) meta jqum punt inċidentali jew aċċessorju tal-ftehim li jkun meħtieġ li jiġi ippruvat u sakemm tali punt ma jkunx irrikonċiljabbli mal-ftehim ewlieni; u (v) meta mal-ftehim miktub ikun sar ftehim ieħor bil-fomm li b'xi mod jammonta għal kundizzjoni li tolqot fil-qalba l-eżekuzzjoni tal-ftehim innifsu[32];

Illi l-ebda ħaġa li qalet l-imħarrka ma jasal fil-limiti tal-eċċezzjoni għar-regola hawn fuq imsemmija. Id-dikjarazzjoni miktuba tagħha li biha iddikjarat li hija kellha tagħti lill-attur intwera li tassew kienet marbuta mas-self li l-attur kien għamlilha meta ġiet biex tixtri l-karozzi. Ukoll jekk dik id-dikjarazzjoni nkitbet mill-attur innifsu, l-imħarrka wriet li sa mill-biduett kienet taf x'hemm miktub. Hija għażlet l-argument li dik id-dikjarazzjoni għamlitha biex

---

[29] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***General Cleaners Co Ltd vs L-Avukat Ġenerali et***

[30] App. Ċiv. **6.6.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Cuschieri noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.221**) u l-għadd ta' riferenzi hemm imsemmija

[31] P.A. **9.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1022**)

[32] Ara P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Amante Caruana vs Saveria Bonniċi***

tgħin lill-attur jikseb self bankarju biex ikun jista' jieħu 'l missieru barra minn Malta għall-kura. Din il-Qorti diġa' fissret għaliex dik it-teżi ma kinitx waħda li tista' toqgħod fuqha. Għalhekk, ma tgħodd l-ebda waħda mill-ħames ċirkostanzi li għadhom kemm issemmew biex il-Qorti taċċetta provi oħra li juru li d-dikjarazzjoni iffirmata mill-imħarka fis-26 ta' Settembru, 2003, kienet ħaġ'oħra differenti minn dak li tgħid – jiġifieri stqarrija ta' debitu magħruf u dovut;

Illi **dwar kemm hu l-ammont tal-kreditu dovut** l-Qorti tagħraf li l-attur innifsu qal li meta kiteb id-dikjarazzjoni li l-imħarrka iffirmat f'Settembru tal-2003, kien għadd mas-somom mislufa l-imgħaxijiet li kien ikollu jħallas lill-banek kieku l-ammont kellu jitħallas mill-imħarrka regolarment bir-rati ta' Lm 150 kull xahar. Jidher li l-ħsieb kien li d-dejn jinqata' kollu fi żmien ħames (5) snin[33], jiġifieri d-dejn kellu jinqata' sa Settembru li ġej;

Illi mill-provi mressqa, il-Qorti issib li l-attur għadda lill-imħarrka sebat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm 7,600)[34]. Fuq Lm 6,600 minnhom kien intrabat mal-banek kummerċjali li silfuh il-flus li jħallashom lura bir-rata ta' mija u wieħed u tletin lira Maltija (Lm 131) kull xahar. Waħda mill-faċilitajiet inqatlet bi ħlas (maqbul mill-bank kreditur innifsu) f'Ottubru tal-2004. B'dan il-mod, id-dejn inqata' qabel żmienu. Kien hemm ukoll il-ħlasijiet akkont ta' Lm 1,200 li l-attur jistqarr li l-imħarrka kienet għamlitlu. Iżda jirriżulta wkoll li ħlas ieħor baqa' ma sarx matul iż-żmien li kienet għaddejja l-kawża;

Illi minn dawn il-kalkoli, il-Qorti tasal għall-fehma li l-bilanċ dovut lill-attur sal-lum huwa ta' sebat elef disa' mija u sitta u tletin euro u ħamsa u ħamsin (euro) ċenteżmi (€ 7,936.55)[35]. Din is-somma għadha trid titħallas mill-imħarrka;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[33] Lm 150) Lm 9,000 = 60 pagament
[34] € 17,703.25 fi flus tal-lum
[35] Ekwivalenti għal Lm 3407.16 [Lm 9000 – (Lm 1200 + Lm 4392.84)]

**Tastjeni milli tqis iżjed l-ewwel talba** fid-dawl tad-degriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2004;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrka għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrka Chantelle Cuschieri tħallas lill-attur is-somma ta' sebat elef disa' mija u sitta u tletin euro u ħamsa u ħamsin (euro) ċenteżmi (€ 7,936.55) rappreżentanti l-bilanċ dovut minn somma akbar mislufin lilha fuq l-idejn mill-attur, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-19 ta' Ottubru, 2004, sal-jum tal-ħlas effettiv u kif ukoll l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------